Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,088, 19 ta' Lulju, 2023

Taqsima B

A.L. 177 tal-2023

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

L-Ordinament tal-2023 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Medical Physics – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dan l-ordinament magħmul mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġie approvat mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dan l-ordinament jista jissejjaħ bħala l-Ordinament tal-2023 biex jemenda l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Medical Physics – M.Sc. – u għandu jinqara u jinftiehem bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Medical Physics – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa, ippubblikati bħala Avviż Legali 397 tal-2012, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali."

L-Applikabilità

2. Dan l-ordinament għandu japplika għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2023 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 5 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“5. (1) Il-programm ta’ studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet-studju li għalihom hemm assenjati total ta’ 90 krettu ECTS, li minnhom 60 krettu ECTS ikunu assenjati għal taqsimiet-studju mgħallma u 30 krettu ECTS ikunu assenjati għat-taqsima-studju tad-dissertazzjoni.

(2) F’każijiet li l-istudenti għandhom nuqqas ta’ għarfien essenzjali fil-qasam tal-metodoloġija tar-riċerka, il-Bord jista’ jeħtieġ li l-istudenti li jkunu daħlu fil-Kors isegwu u jgħaddu minn taqsima/taqsimiet-studju supplimentari fil-qasam imsemmi li għalihom massimu ta’ 10 kretti ECTS ikunu assenjati apparti l-programm ta’ studju speċifikat f’paragrafu (1) ta’ dan l-ordinament.”